MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2009

Numru. 446/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Norbert Ciappara**
**Spettur Dennis Theuma)**

**Versus**

**David Gatt**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet kontra David Gatt ta’ 27 sena iben Alfred u Rita nee Azzopardi, imwieled l-Imtarfa fis-17 ta’ Frar 1977 u residenti Saint Joseph Court Flat 61A Triq l-Imhar San Pawl il-Baħar. Karta bin-numru tal-identita’ 153677 (M)

Akkużat talli fis-6 ta’ Settembru 2004 u fix-xhur ta’ qabel f’dawn il-Gżejjer:

a) Kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għal-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-Liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msmemmija u dan bi ksir tal-artikolu 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwa ril-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta **liema droga nstbet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kenitx ghall-użu esklussiv tiegħu;**

b) u aktar talli f'dawn l-aħħar tmien xhur ta' qabel din id-data kellu fil-pussess tiegħu mediċina ristretta u psikotropika (ecstasy) meta ma kienx awtorizzat kif imiss, bi ksur tar-regolament 3(1) tal-Avviż Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u l-artikolu 40A u 120A u t-Tielet Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu magħha KAp 31 tal-Liġijiet ta' Malta u la-rtikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat.

c) Talli l-imputat huwa reċidiv

2. Il-Qorti ntalbet ukoll sabiex tissekwestra f'idejn terzi epsuni b'mod ġenerali l-flejjes u l-projeta' mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti jew imissu lill-akkużat jew huma propjeta' tiegħu kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-akkużat milli jittrasferixxi jew xorta orħa jiddisponi minn xi projeta' mobbli jew immobbli

3. Il-Qorti ntalbet ukoll sabiex f'każ ta' ħtija tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9.

4. Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali, il-fedina penali tal-imputat, iċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu li jġib in-numru 1536 tal-1977, l-ordni ta' sekwestru magħmul fl-14 ta' Settembru 2004, il-proces verbal redatt mill-Maġistrat Dr.Antonio Mizzi u ntitolat 'Sejba ta' sustanza suspettata eroina fil-pussess ta' David Gatt fis-6 ta' Settemrbu 2004', il-konferma tal-esperti maħtura f'din l-inkjesta (ara fol 77), is-sentenzi a fol 101, 102 , 103, 104, 105, 106, 107, 108, u id-digriet li bih il-Qorti laqgħet parti mit-talba tal-imputat u awtorizzat ir-rilaxx ta' parti mis-somma li kienet ippreżentat fl-ammont ta' Lm700 (seba' mitt lira Maltija)(Fol 115 – 19 ta' Ġunju 2006)

5. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

6. Semgħet it-trattazzjoni tal-għaref Prosekutur u tal-għaref Difensur.

Ikkonsidrat

**Il-Fatti fil-Qosor**

7. Fis-6 ta' Settembru 2004 l-imputat twaqqaf fil-Mosta f'xi 12.30pm. meta f'idejh kellu pakkett eroina. Bejn is-seat tal-passiġġier kien hemm pakkett ieħor fl-art u f'bott li kellu ġewwa l-karozza kien hemm erba' pakketti oħra. L-Ispettur Norbert Ciappara ppreżenta riċevuta ta' Lm1615 (Ara fol 63 u 72).

**L-Istqarrija tal-imputat (fol 29)**

8. L-imputat stqarr li l-pakketti kienu kollha tiegħu. L-imputat kellu l-eroina ghaliex fl-aħħar xahrejn kien reġa' waqa' u nnega li kien qed jittraffika. Huwa kien jixtri żewġ grammi u nofs eroina kull jum. L-aħħar li kien xtara kien il-Ħadd filgħaxija. Huwa kien juża żewġ grammi eroina kull jum.

9. L-imputat qal ukoll li f'dak il-perjodu kein qed juża l-ecstasy. L-aħħar darba li kien uża l-ecstasy kien f'party tat-Tribu. L-imputat qal li l-flus fil-kont tal-Bank tal-HSBC

061-141859 -051 kienu ta' ħuh. Huh kellu kont tal-mobile mhux imħallas u biex lil ħuh ma jeħdulux flus, għamel il-kont f'isem l-imputat. Id-deposits kien għamilhom ħuh.

**Xhieda oħra tal-Prosekuzzjoni**

10. WPS 45 Marisa Bartolo xehdet li meta l-imputat induna li kienu Pulizija kein ipprova jaħrab minn fuq il-post. (Fol 33). Hija kienet elevat bott li fih kellu t-trab kannella. Kienet elevata kantuneira oħra minn bejn is-seats. Mit-tfittxija li saret fir-residenza tal-imputat ma kien ġie elevat xejn li kien konness mad-droga. Biss kienu elevati xi flus 20 Ewros u Lm1615 (fol.51)).
11. PC 1099 Charles Farrugia, PC 23 Stefan Calleja, PC 1220 Chris Baldacchino (fol 48), PC 451 Aaron Bugeja u PC 213 Nicolai Borg kollha kkonfermaw dak li xehdet WPS 45 Marisa Bartolo. (Fol 35 u 36 48-49 , 58-59 u 65-66).
12. L-Ispiżjar Mario Mifsud ħalef ir-relazzjoni tiegħu bħala espert forensiku. Mir-relazzjoni jirriżulta li kien hemm seba' pakkettibl-eroina b'piż li jvarja bejn 0.149 u 0.631 grammi. It-total tal-piż kien 2.295 grammi u l-purita' kienet ta' circa 30%.

**Prova tar-reċidiva.**

13. Il-Prosekuzzjoni ppreżentat tliet sentenzi fil-konfront tal-imputat. L-identita' tal-imputat kienet ukoll ikkonfermata. Is-sentenzi nghataw anqas minn ħames snin qabel seħħ l-allegat reat u t-tlieta kellhom kundanni ta' priġunerija bi tnejn minnhom għandhom x'jaqsmu mal-bejgħ tad-droga (ara sentenza tal-14 ta' Mejju, 2002 u 25 ta' Marzu 2002).
14. Il-Prosekuzzjoni għalqet il-provi fit-13 ta' Novembru 2006.

**Xhieda Difiża**

15. L-imputat xehed fid-19 ta' Mejju 2008. (Fol.125). Huwa ammetta li huwa jieħu d-droga u li dak iż-żmien (Settembru 2004 huwa kien jieħu **żewġ grammi u nofs kull jum**.
16. Xehdet ukoll Vicky Scicluna li qalet li l-ewwel darba li kien rah is-social worker kien fil-11 ta' Ġunju 2007 u kien

qiegħed fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin. L-imputat kien diġa' juża d-droga meta kellu 11-il sena. Fis-sena 2002 l-imputat kien għamel programm mal-Caritas li dam 16-il xahar. Imbagħad għamel xi żmien clean u baqa' f'kuntatt mad-Detox. Huwa żamm ukoll kuntatt mas-social worker tiegħu meta kellu l-liberta' proviżorja. Kien hemm ukoll riżultat li juri li l-imputat kien qed ikun clean mid-droga. Huwa qed jipprepara biex jidħol programm ieħor.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

17. Il-provi ewlenin tal-Prosekuzzjoni huma dawn:

(a) Li l-imputat instab **barra** b'numru ta' pakketti tal-eroina;

(b) Li dawn il-pakketti kienu jammontaw għal sebgħa.

(ċ) Li l-piż tagħhom kien kważi identiku;

(d) Li l-ammont totali kien ta' 2.295 grammi ta' eroina.

18. Illi l-imputat ddefenda ruħu billi sostna:

(a) Li huwa kien reġa' waqa' fil-vizzju;

(b) Li l-eroina kienet fi qratas tal-plastik għax hekk kien tahomlu min biegħ il-pakketti.

(ċ) Li mhux veru li kien qed jittraffika l-eroina.

(d) Illi huwa kien jixtri żewġ grammi u aktar kull jum

(e) Illi hu kien jieħu żewġ gammi u nofs kull jum. (Ara xhieda fuq il-pedana li ma taqbilx ghal kollox mal-istqarrija fejn qal li kien juża żewġ grammi kull jum).

19. Mill-provi prodotti l-Qorti hija konvinta li l-imputat instab fil-pussess tad-droga eroina kif ukoll li kien juża l-ecstasy minħabba li hekk stqarr hu stess.

20. Iżda l-Qorti jibqgħalha d-dubju jekk f'dan il-każ ghandhiex indizji biżżejjed biex moralment tgħid li l-imputat ried jispaċċja d-droga li kellu f'idejh. It-Tqassim f'pakketti b'ammont kważi identiku jqanqal suspetti kbar.

21. Iżda l-ammont ta' droga misjub (2.295 grammi) f'ċirkustanzi fejn l-imputat

(i) kien ilu jabbuża mid-droga minn meta kellu 11-il sena u

(ii) kien jikkonsma qisu żewġ grammi kull jum

iħalli dak in-naqra dubju jekk l-imputat riedx jispaċċja d-droga. Dan id-dubju għandu jmur favur l-imputat.

22. Għalhekk dwar l-ewwel imputazzjoni l-Qorti qed issib lill-imputat ħati tar-reat ta' pussess sempliċi ta' droga liema reat huwa kompriż u involut fl-imputazzjoni dedotta kontra l-imputat.

23. It-tieni imputazzjoni – pussess ta’ ecstasy - tirriżulta mill-istqarrija stess.
24. It-tielet imputazzjoni – ir-reċidiva – hija ampjament ippruvata.

**Konklużjoni**

**25. Il-Qorti, wara li rat ir-regolament 9 tal-GN 292/1939, it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii) tal-Kap 101, ir-regolament 3(1) tal-Avviż Legali 22 tal-1985, l-artikoli 40A, 120A(1)(a) u 120A(2)(b)(ii) tal-Kap 31 kif ukoll l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9, issib lill-imputat ħati tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni kif dedotti; dwar l-ewwel imputazzjoni ma ssibux ħati ta’ pussess aggravat u issibu ħati biss ta’ pussess sempliċi liema reat huwa involut u kompriż fl-ewwel imputazzjoni.**

**26. Dwar il-piena, il-Qorti qed tqis li l-imputat għandu fedina penali xejn sabiħa u li huwa reċidiv. Żewġ sentenzi tar-reċidiva li kienu ppreżentati juru li l-imputat qed ikollu diffikolta’ biex jeħles minn dan il-vizzju għax il-kundanni kienu konnessi mad-droga. Barra dan m’hu xejn sabiħ li l-imputat jinsab barra b’pakketti tal-eroina għaliex dan huwa ta’ perikolu potenzjali lis-soċjeta’.**

**27. Għalhekk il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat iħallas multa ta’ €1500 liema multa tista’ titħallas minnufih kif suġġerit fil-paragrafu 30 aktar ‘l isfel.**

**28. Il-Qorti mhix tikkundanna lill-imputat iħallas għall-ħatriet tasl-esperti għax dawn inħatru fil-mori ta’ inkjesta li saret qabel il-16 ta’ Jannar 2006.**

**29. Dwar il-ħatra tal-espert li stħarreġ dwar l-assi tal-imputat, il-Qorti mhix ser tikkundanna lill-imputat iħalls għaliex dan l-espert inħatar b’konnessjoni ma’ pussessa aggravat meta l-Kap 101 kien għadu jgħid li l-iffriżar tal-assi japplika biss meta jkun hemm imputazzjoni ta’ bejgħ. Kien *wara* li bdew dawn il-proċeduri li l-iffriżar tal-assi beda japplika f’każ ta’ imputazzjonijiet ta’ pussess aggravat. Għalhekk fuq il-prinċipju ‘Nulla poena sine Lege’ (Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u Artikolu 7 tal-Konvenzjoni) il-Qorti qed tirrevoka contrario imperio id-digriet tagħha dwar l-iffriżar tal-assi u tillibera lill-imputat minn kull ħlas tal-espert maħtur.**

**30. Ġaladarba l-imputat ma nstabx ħati ta’ pusses aggravate, u ma nstab ebda ness bejn il-flus miġbura mid-dar u d-droga, il-Qorti qed tawtorizza lill-imputat jieħu lura l-bilanċ mis-somma oriġinali ta’ Lm1615 minħabba li l-Qorti diġa awtorizzatu jieħu Lm700 u għalhekk il-bilanċ li għandu jieħu huwa ta’ Lm915 (€2131.95).** ***Għandu jsir spaċċ bejn dan l-ammont li għandu jittieħed u l-multa li għandu jagħti l-imputat.***

**31. Il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt il-ħarsien tar-Reġistratur.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------